MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 273/1995/1

**Leonard Attard**

**vs**

**Carmel sive Charles Cuschieri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura Ford transit Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni L-8169, liema vettura hija proprjeta' tal-attur, kien involut f'incident awtomobilisitiku li sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru, elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fil-Vecca, San Pawl il-Bahar, u liema incident sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuagni, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku saq

b'velocita' qawwija, u tilef il-kontroll tal-vettura L-8169 bil-konsegwenza li baqa' diehel f'hajt;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura Fort Transit Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni L-8169 sofriet hsarat irreparabbli (Dok. A) u l-konvenut debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtombobilistiku li sehh fit-23 ta' Dicembru, 1994, fil-Vecca, San Pawl il-Bahar;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar, 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-konvenut ma hux responsabbli ghall-incident awtomoblisitiku mertu tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' April 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku Philip Zammit sabiex jezamina l-vettura in kwestjoni u jirrelata bil-miktub dwar il-hsarat u Danni li fiha l-istess vettura;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-27 ta’ April 1998;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2000;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fit-23 ta’ Dicembru 1994 ghal habta tas-2.30 pm f’San Pawl il-Bahar sehh incident stradali li fih kien involut il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura, proprjeta tal-attur, Ford Transit Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni L-8169;

L-attur isostni li dan l-incident sehh unikament b'tort tal-konvenut. Dejjem skond l-attur, il-konvenut kien qed isuq b'velocita' qawwija u b’hekk tilef il-kontroll tal-vettura bil-konsegwenza li baqa' diehel f'hajt;

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigu likwidati d-danni li huwa sofra fl-imsemmija vettura bhala konsegwenza tal-incident u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhux responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li l-vettura li kien qed isuq ma kinitx fi stat tajjeb bizzejjed sabiex tigi misjuqa fit-triq u l-incident gara meta l-istess vettura skiddjat u mhux ghaliex il-konvenut tilef il-kontroll;

Jirrizulta li fiz-zmien in kwestjoni l-konvenut kien impjegat mal-attur u kien jghamel xoghol ta’ tqeghid ta’ aluminium. Meta gara dan l-incident  il-konvenut kien qed jghamel

uzu mill-vettura tax-xoghol in konnessjoni mal-imsemmi impieg tieghu. Il-konvenut, ma haddiem iehor, kien qed jirritorna lura minn fuq bicca xoghol li kienet qed issir il-Mellieha. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-konvenut saq il-vettura in kwestjoni;

Mill-kumpless ta’ provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti. Mill-banda l-ohra zgur li ma jirrizultax li l-vettura li kien qed isuq il-konvenut ma kinitx tajba ghat-triq u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu akkolti;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut kien qed isuq b’velocita’ aktar milli jmissu u ghalhekk skiddja u tilef il-kontroll tal-vettura u ghalhekk ukoll gara l-incident in kwestjoni. Dan qed jingad kemm in vista tad-deposizzjoni tal-passiggier li kien riekeb fil-vettura tal-konvenut u kif ukoll minn cirkostanzi ohra b’mod partikolari il-hsarat estensivi li garbet l-istess vettura u l-mod kif spiccat l-istess vettura wara l-habta. Hu minnu li jirrizulta li kienet ix-xita. Ma jirrizultax pero’ li il-fattur tax-xita kien b’xi mod determinanti sabiex sehh dan l-incident. Semmai l-fatt li kienet nizla x-xita kellu jinduci lill-konvenut ghal aktar prudenza;

Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li ftit qabel ma sehh dan l-incident, il-vettura li kien qed isuq skiddjat ghal mill-inqas darbtejn. Dan il-fatt pero’ ma giex konfermat mill-passiggier li kien rikeb mal-konvenut. Fl-istess affidavit il-konvenut jallega li l-imsemmi passiggier li kien rikeb mieghu tah parir x’kellu jghamel biex ma jiskiddjax. Lanqas dan ma gie konfermat mill-istess passiggier. Barra minn hekk il-konvenut ikkonferma li huwa qatt ma rrifjuta li jsuq il-vettura in kwestjoni. Fi stadju oltrat f’dawn il-proceduri, l-konvenut jallega li l-istess vettura kienet hafifa u kella r-rotti lixxi. Huwa pero’ ammetta li dan ma qalux qabel u jghid li dan kien peress li kien nesa;

F’dawn ic-cirkostanzi kollha l-konvenut gandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni. Ghalhekk trid issir il-likwidazzjoni tad-danni li l-

attur sofra bhala kawza ta’ dan l-istess incident. Il-perit tekniku kkonkluda li mhux ekonomikament vijabbli illi l-istess van jigi msewwi. Huwa kkonkluda li l-valur tal-vettura in kwistjoni qabel ma sehh dan l-incident ghandu jigi kalkolat fis-somma ta’ elf u seba’ mitt liri maltin (Lm1700). Ir-“wreck value” gie kalkolat fis-somma ta’ hames mija u hames mitt liri maltin (Lm550). Ma jirrizulta xejn li jista jwassal sabiex dawn il-konkluzjonijiet jigu mibdula jew ma jigux accettati;

Ghalhekk id-danni li sofra l-attur gandhom jigu kalkolati fis-somma ta’ elf mija u hamsin liri maltin (Lm1150) u cioe’ l-valur tal-vettura qabel l-incident bit-tnaqqqis tar-“wreck value”;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtombobilistiku li sehh fit-23 ta' Dicembru, 1994, fil-Vecca, San Pawl il-Bahar, tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala knsegwenza tal-istess incident fis-somma ta’ elf mija u hamsin liri maltin (Lm1150) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm1150 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------